MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 56/2018

It-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Marija Saliba kienu skużati. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

56.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 55/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

56.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

56.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 Is-Sindku informa lill-membri li fi Ġnien Serħan is-Sagħtrija sar att vandalu ieħor fejn insterqu għaxar siġar taż-żebbuġ wara li kienu għadhom kemm tħawlu ftit jiem qabel. Huwa qal li sar rapport il-Pulizija 10/Z/5110/2018 biex jiġi nvestigat il-każ.

56.3.2 Is-Sindku għamel referenza għaċ-ċirkulari AKL 2018/138 dwar il-ftehim tal-ħaddiema tal-CWSEF. Huwa qal li l-Assoċjazzjoni tixtieq li l-Kunsilli jiffirmaw dikjarazzjoni fejn il-Kunsill jieħu r-responsabilita' assoluta ta' dawn il-ħaddiema speċjalment rigward is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll il-Kunsill iħallas il-performance bonus lill-istess ħaddiema fl-aħħar ta' kull sena. Is-Sindku qal li dan ser jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li ser issir illum 17 ta' Diċembru 2018 fis-7.30 ta' filgħaxija.

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

56.3.3 Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għall-attivitajiet tal-Milied speċjalment għaż-żjara tal-President ta’ Malta nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Diċembru 2018 u talab għall-koperazzjoni ta’ kulħadd biex jinġabru kemm jista’ jkun fondi għal Malta Community Chest Fund biex jiġu ppreżentati dakinhar. Fakkar ukoll lill-kunsilliera li wara li l-membri tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn insistew li ssir l-ikla tal-Milied skont iċ-ċirkulari tad-Dipartiment, din ser issir fis-27 ta’ Diċembru 2018 ‘Il-Loġġa Restaurant’ għall-kunsilliera wkoll.

56.3.4 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li ġie avviċinat mill-Arċipriet biex il-Kunsill jiffinanzja l-armar tas-siġra tal-Milied fi Pjazza l-Assunta. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil unanimu mill-membri li l-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu, jekk il-Ministeru mhux ser iħallas l-ispejjeż kollha.

56.3.5 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lill-kunsilliera dwar laqgħa li kellu mal-Ministru Jose’ Herrera u mal-Ministru Justyne Caruana fuq l-iskart kummerċjali. Is-Sindku qal li tressaq suġġeriment sabiex jibda jinġabar l-iskart tal-borża s-sewda nhar ta’ Ħadd filgħaxija iżda hu qalilhom li xorta waħda din ma taħdimx peress li f’Marsalforn kienet diġa’ ssir din il-ġabra. Is-Sindku qal li għamel enfażi li biex il-problemi jissolvew irid isir ħafna aktar infurzar u ressaq suġġeriment sabiex issir sistema kollettiva tal-ġbir tal-iskart bejn is-sidien tal-istabilimenti kummerċjali.

56.3.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lill-kunsilliera li reġgħet ħarġet is-sejħa għall-offerti għas-servizz tal-ġbir tal-*bulky refuse* kif ukoll is-sejħa għall-kisi mill-ġdid ta’ parti minn Triq Għajn Mhelhel bit-*tarmac*. Dawn is-sejħiet ser jagħlqu nhar il-21 ta’ Diċembru 2018. Il-bord tal-evalwazzjoni tal-*bulky refuse* ser ikun l-istess bħal ta’ qabel minħabba l-fatt li diġa’ jafu x’kienu l-problemi li nstabu fl-offerti ta’ qabel, jiġifieri l-Avukat Joshua Grech, l-*Accountant* Daniel Galea u l-*Contracts Manager* William Sultana bħala evalwaturi, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat *Chairman* tal-bord u l-assistent prinċipali Liliana Borg bħala segretarja tal-bord. Il-bord tal-evalwazzjoni għal Triq Għajn Mhelhel ser ikun magħmul mill-Avukat Joshua Grech, il-Perit Mario Cordina u l-*Accountant* Daniel Galea, filwaqt li *Chairperson* il-Contracts Manager William Sultana u Segretarju tal-bord ikun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar is-sejħa tal-offerti tal-kisi mill-ġdid ta’ parti minn Triq Għajn Mhelhel fejn qal li ġibdulu l-attenzjoni li bit-*tarmac* li jintuża normalment jista’ jkun li maż-żmien jiġi lixx wisq u jista’ jsir perikoluż

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

minħabba li hemm niżla wieqfa. Huwa qal li dan għandu jerġa' jiġi kkunsidrat mill-Perit u jittieħed il-parir tiegħu.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

56.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Biex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħa tal-garaxx tar-residenza 'Sweet Harmony', Triq Għajn Mhelhel, Iż-Żebbuġ. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba wieġeb li diġa' hemm deċiżjoni tal-Kunsill dwar dan u l-Perit tal-Kunsill qed iħejji pjanta ta' dik it-triq biex isiru *roadmarkings* bojod tal-parkeġġi. Is-Sindku reġa' għamel enfasi biex ma jiġrix bħalma ġara fi Triq Skapuċċina u l-Kunsill ikun il-kaġun ta' ġlied bejn il-ġirien. Is-Sindku qal li x'ħin titlesta l-pjanta tal-Perit, tintbagħat lir-residenti ta' dawk l-inħawi qabel tittieħed id-deċiżjoni. Il-Viċi Sindku qal li dak li qed jitlob dan ir-resident huwa skont il-liġi u jekk imur direttament għand *Transport Malta*, dawn jagħmluhomlu. Chev Carmelo Saliba rrisponda li l-ebda awtorita' m'għandha tirrombla minn fuq il-Kunsill u ma tagħtix kas id-deċiżjonijiet u t-tħassib tal-Kunsill.
- Biex tiġi rranġata parti minn Triq is-Sagħtrija fejn hemm xi ħofra kbira minħabba l-periklu li tinsab fiha din it-triq. Kien hemm qbil mill-membri li din titwitta' mill-ħaddiema tal-Kunsill wara li l-Perit joħroġ stima tax-xogħol u tiġi approvata mill-Kunsill.
- Fakkar biex isir railing fi Triq Ħal Sagħtrija fejn saret it-triq il-ġdida maġenb it-taraġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bħalissa għaddej xogħol fuq ir-railing il-ġdid fi Triq Oniċi u Sqaq Anton Mallia u kif jitlesta jittieħed il-kejl u stima għal Triq Ħal Sagħtrija.
- Staqsa dwar il-passaġġ ta' Wied il-Għats li jitlaq minn Triq Wied l-Infern biex jara hux ser isir bil-konkos parti mill-proġett li qed isir. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv skont l-applikazzjoni tal-fondi.
- Fakkar dwar il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ li ċedew bil-maltemp fi Triq Wied l-Infern biex jerġgħu jinbnew. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li t-talba saret fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.
- Biex jinbena mill-ġdid iċ-ċint ħdejn il-monument tas-Salve Regina wara li ċeda bil-maltemp. Kien hemm qbil li ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex permezz tas-sistema.

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

56.4.2 Il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba ressaq dawn il-punti:

- Fid-dawl tal-aħħar inċident tat-traffiku ssuġġerixxa sabiex issir *give way sign* mpittra mal-art għal min ikun ġej minn Triq il-Mitħna u jkun sejjer Triq il-Ponta. Kif ukoll, minn Triq Mons De Piro, fejn il-kunvent, biex tmur għal Triq ta' Ċenċ issir *one-way* u wieħed irid idur minn Triq il-Mitħna. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-Perit iħejji *traffic management plan* b'dan is-suġġeriment.
- Biex jerġgħu jitħawlu s-siġar taż-Żebbuġ li hemm nieqsa fil-lokalita' li jammontaw għal madwar 18-il siġra. Kien hemm qbil dwar dan.
- Biex il-*camera* tal-*live streaming* tiffoka aktar fuq l-altar mejda fil-Knisja biex ma jidhrux in-nies preżenti.
- Staqsa dwar xi żviluppi biex Triq ta' Ċenċ titwessa' u jkun jista' jgħaddi t-trasport pubbliku. Is-Sindku qal li bħalissa qed isiru xi kuntratti u denunzja bejn is-sidien tar-raba'. Is-sidien ser javviċinaw lill-Kunsill x'ħin ikun il-waqt.
- Is-suġġeriment biex Triq iċ-Ċnus tiġi aċċessibli għal Triq il-Ponta li ilu jwassal għal dawn l-aħħar laqgħat jitressaq quddiem l-awtoritajiet ikkonċernati bħal *Transport Malta*, *Lands Authority*, Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, u quddiem l-Ministeru għal Għawdex permezz ta' proposta mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-affarijiet għandhom isiru kif suppost biex ma jbati ħadd u jingħata kumpens xieraq lil min tittieħidlu l-art biex issir triq.

56.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Fakkret sabiex jinqala' l-arblu l-qadim fejn Qbajjar Restaurant fi Triq ix-Xwejni. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li diġa' ntbagħtet *email* lill-Inġinier tal-Enemalta dwar dan.
- Staqsiet dwar il-kwalita' tax-xogħol li qed isir fi Triq Wied l-Infern. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ġimgħa l-oħra mar fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill jara x-xogħol kif inhu ġej u min-naħa tiegħu l-Perit kien sodisfatt.
- Staqsiet jekk il-Kunsill bagħatx xi residenti għal żjara f'Maletto fi Sqallija. Is-Segretarju wieġeb li l-Kunsill għandu ġemellaġġ ma' Maletto fi Sqallija iżda mill-fondi tal-Kunsill ma mar ħadd f'dan il-post din is-sena.
- Suġġeriment sabiex issir wirja bl-oġġetti u opri li saru mill-

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

istudenti tal-korsijiet tas-Sajf. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment u ġie propost li ssir wirja fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żebbuġ meta l-istess studenti jingħataw iċ-ċertifikati tal-korsijiet li attendew.

## 56.5 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

56.5.1 Ċirkulari AKL 2018/146 – Preparamenti Traffiku – 23 Novembru – Black Friday. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.2 Ċirkulari AKL 2018/147 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 12 Emendati u Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.13. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.3 Ċirkulari AKL 2018/149 – Ġbir ta' Dettalji ta' Ex-Membri tal-Kunsill li servew fil-Kunsilli Lokali matul dawn l-aħħar 25 Sena. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.4 Ċirkulari AKL 2018/150 – Bdil ta' Awguri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.5 Ċirkulari AKL 2018/151 – Kunsilli Lokali fuq tqassim ta' boroż tal-iskart organiku minn ġewwa l-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.6 Ċirkulari AKL 2018/152 – Bus Shelters. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.7 Ċirkulari AKL 2018/153 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru.14. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.8 Ċirkulari AKL 2018/154 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Karol Muscat, ex-kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuga. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.9 Ċirkulari AKL 2018/155 – Kummenti AKL – White Paper Swieq fil-beraħ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.5.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-President ta' ANSEK dwar kors importanti dwar il-GDPR sabiex jattendi s-Segretarju Eżekuttiv biex ikun aktar infurmat u jkollu gwida tal-liġijiet fejn għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tad-data. Il-prezz għal dan il-kors jammonta għal €175 + VAT u kien hemm qbil mill-membri biex is-Segretarju Eżekuttiv jattendi.

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

56.5.11 Il-Kunsill irċieva l-invoice tax-xogħol li sar fuq il-moll tax-Xwejni mingħand il-kuntrattur. Is-Sindku qal li dan intbagħat lill-Perit tal-Kunsill sabiex jivverifika u jiċċertifika x-xogħol. Is-Sindku qal ukoll li ser issir talba lill-Ministru Justyne Caruana sabiex dan il-kont jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.

56.5.12 Wara xi lmenti minn residenti, il-Kunsill ġabar stima sabiex tiġi aġġornata il-*website* tal-Kunsill li tammonta għal €95 incl. VAT. Kien hemm qbil li din tiġi aġġornata għall-benefiċċju ta' kulħadd.

56.5.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kap tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ għall-għajnuna sabiex isir xi xogħol ta' kisi fl-entratura tas-sala tal-iskola li tintuża mill-Kunsill Lokali stess f'diversi okkażjonijiet. Il-Kap tal-Iskola ġabret stima tax-xogħol li jeħtieġ isir li kien jammonta għal €276.29. Il-Viċi Sindku, is-Sur Daniel Cordina qal li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u mhux mill-Kunsill. Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni dwar dan.

56.5.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-segretarjat tal-President u tas-Sindku tal-Kunsill ta' Lanuvio fejn il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ għandu ftiehem miegħu. Wara li l-Kunsill kien staqsa lilhom fejn kien wasal il-proċess tal-applikazzjoni sabiex ir-residenti taż-Żebbuġ imorru hemm u kien reġa' bagħat reminder, il-Kunsill irċieva li l-applikazzjoni li kienet ġiet issottomessa f'Settembru, ġiet irrifjutata mill-EU. Huma qalulna li ser issir applikazzjoni oħra f'Marzu u fiduċjużi li ser tiġi aċċettata. Fl-istess waqt awguraw lill-membri l-Milied it-tajjeb.

Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba qal li wara li jitkellem magħhom personalment kuljum, qal li jista' jkun il-bżonn li hu jitla' Lanuvio biex jgħinhom jissottomettu l-applikazzjoni. Huwa qal li biex ma jkunx ta' piż fuq il-Kunsill lest li jħallas kollox minn butu.

Is-Sindku wieġeb immedjatament li dan mhux kliem li jingħad hekk. Is-Sindku qal lill-kunsillier Chev Carmelo Saliba li jekk ikun il-bżonn, il-Kunsill jibagħtu mill-fondi tal-Kunsill wara li tkun tressqet it-talba u l-proposti min-naħa tagħhom, u tiġi approvata t-talba mill-membri tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina qal li għandu jiġi stabbilit il-metodu ta' kif u min ser jintgħażel biex imur Lanuvio meta l-applikazzjoni tiġi aċċettata. Huwa qal li għandna nieħdu eżempju minn irħula oħra f'Għawdex fejn il-Kunsill iqabbad lill-għaqdiet, darba kull għaqda, biex jamministraw huma din l-għażla. Kien hemm qbil mill-membri preżenti

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

li din trid tiġi diskussa aktar fil-fond meta jkun il-waqt.

56.5.15 Ilment 59/2018 – F. Cini
Jitlob biex il-Kunsill jiprovdi tabelli li jwissu lin-nies biex ma jħallux ħmieġ tal-annimali fit-triq ħalli jwaħħal waħda mal-propjeta' tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri li għandu jsir aktar infurzar.

56.5.16 Ilment 60/2018 – B. Caruana
Titlob biex isiru *double yellow lines* ta' metru kull naħa tad-*drive in* skont *is-siteplan* annessa. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

56.5.17 Ilment 61/2018 – M.Mills
Jitlob biex tiġi rranġata r-rampa bil-konkos fi Triq ix-Xwjeni skont is-*siteplan* peress li hi miksura. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li jsir ix-xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill.

56.5.18 Ilment 62/2018 – S. Portelli
Titlob biex isiru *dog litter bins* madwar ir-raħal u biex isiru *skips* għal dawk ir-residenti li jitilqu lejn Malta fil-*weekend*. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

56.5.19 Ilment 63/2018 – W. Magri
Jagħmel suġġeriment sabiex Triq ta' Ċenċ issir bir-*red tarmac* biex ma tkunx tiżloq. Wara diskussjoni dwar dan, ġie deċiż li dan is-suġġeriment jiġi kkunsidrat meta jkun ser isir xi xogħol fuq din it-triq.

56.5.20 Ilment 64/2018 – D. Cini
Titlob biex issir estensjoni tad-*double yellow lines* fi Triq Ġoma k/m Triq Sant Indrija skont is-*siteplan*. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill sabiex kemm jista' jkun ma jitnaqqsux spazji ta' parkeġġi.

56.5.21 Ilment 65/2018 – F. Saliba
Jitlob biex isiru *double yellow lines* quddiem l-entratura ta' St. Anthony's Court, Triq Skapuccina. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill.

56.5.22 Ilment 66/2018 – M. Cini
Titlob biex isiru double yellow lines faċċata tal-garaxx għax meta jkun hemm karozza pparkjata ma tkunx tista' toħroġ jew tidħol fil-garaxx.



KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir u approvazzjoni minn Transport Malta.

## 56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

56.6.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru KAM 43/2018 tat-Tlieta 6 ta' Novembru 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ġew approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

## 56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

56.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 41/2018 għall-perjodu bejn is-16 ta' Novembru 2018 u l-14 ta' Diċembru 2018 li tammonta għal €41,944.73.

56.7.2 Il-Viċi Sindku, s-Sur Daniel Cordina għamel punt fuq il-pagament numru 53. Huwa qal li wara li għamel paragun bejn Triq iċ-Ċaqra u Triq il-Kanun jidher li hemm diskrepanza fil-prezzijiet. Huwa talab kopja tal-kont sabiex jistudja l-kejlijiet u qal li jekk ikun il-bżonn jitlob għal verifika tal-kont fejn jerġgħu jsiru kejlijiet indipendenti. Huwa qal li ser japprova din l-iskeda peress li l-ammont tal-kont li ser jitħallas minnu din id-darba, zgur li sar.

56.7.3 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba qal li rigward dan il-kont bin-numru 53, jissuġġerixxi li ssir laqgħa mal-Perit fejn hu jispjega fid-dettal dan il-kont. Chev Carmelo Saliba qal li hu diġa' ivverifika dan il-kont u qal li tajjeb li ssir laqgħa fejn dan il-kont jiġi spjegat lil kulħadd.

56.7.4 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba qal li ma tistax tagħmel paragun bejn Triq il-Kanun u Triq iċ-Ċaqra għax Triq iċ-Ċaqra twila ferm aktar minn Triq il-Kanun. Barra minn hekk is-Sindku qal li ntuża makkinarju differenti minn dak li ntuża fi Triq il-Kanun biex sar ix-xogħol ta' twittija fi Triq iċ-Ċaqra. Huwa qal li la darba hemm dubji fuq dan il-kont jissuġġerixxi sabiex l-iskeda tiġi approvata iżda dan il-kont bin-numru 53 ma jiġix approvat illum iżda jiġi approvat fi skeda oħra aktar 'il quddiem meta jiġi ċċarat mill-Perit. Is-Sindku għamilha ċara li ma jaqbilx li jitħallas dan il-kont illum la darba hemm id-dubji.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

56.7.5 Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar is-suġġeriment tas-Sindku għax kulħadd qabel li l-parti tal-kont li ser titħallas illum mhix diskutibli peress li zgur sar b'€20,000 xogħol.

56.7.6 l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 41/2018 għall-perjodu bejn is-16 ta' Novembru 2018 u l-14 ta' Diċembru 2018 li tammonta għal €41,944.73 ġiet approvata u ffirmata.

## 56.8 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 56.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2018 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2018.

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

| | |
|---|---|
| *Iffirmati* | *Iffirmati* |
| Nicky Saliba | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |